MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2012

Rikors Numru. 660/2012

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 651/2012 ippreżentat nhar il-11 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet:

Carmel **FARRUĠIA** u martu Luċija Farruġia

vs

Charmaine **FARRUĠIA** f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Ġunju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti eżekutata Charmaine Farruġia, fil-kwalita' tagħha fuq imsemmija (aktar 'il

quddiem imsejħa “l-eżekutata”) talbet li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru fuq imsemmi maħruġ kontriha mill-intimati eżekutanti miżżewġin Farruġia (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fil-11 ta’ Mejju, 2012, għall-finijiet tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti jħallasuha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Lulju, 2012, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti u tathom żmien biex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom kif irid l-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fit-13 ta’ Lulju, 2012, li biha laqgħu għat-talbiet tal-eżekutata billi, fl-ewwel lok, qalu li huma kienu talbu l-ħruġ tal-KontroMandat relativ sa mill-31 ta’ Mejju, 2012[1], u għalhekk l-ewwel talba ma setgħetx tintlaqa’ u għalhekk il-Qorti jmissha tastjeni milli tqis aktar kull talba magħmula mill-eżekutata;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti eżekutata trid li jitneħħew l-effetti ta’ Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontriha fil-kwalita’ tagħha personali u kif ukoll f’isem binha minuri, Francesco, mill-intimati eżekutanti fil-11 ta’ Mejju, 2012;

Illi ladarba jirriżulta minn eżami tal-atti relativi[2], li huwa minnu li l-istess eżekutanti kienu talbu l-ħruġ tal-Kontro Mandat relattiv għall-imsemmi Mandat fil-31 ta’ Mejju, 2012 (jiġifieri madwar erba’ ġimgħat qabel ma l-eżekutata

---
[1] K/Mand. 756/12
[2] Ara Dok f’paġġ. 6 sa 9 tal-atti

ressqet ir-rikors tagħha tal-lum), din il-Qorti ma għadx fadlilha l-bżonn li tipprovdi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti eżekutata *proprio* u *nomine* għaliex il-mertu tagħha huwa eżawrit. Tirrileva li lanqas jista' jingħad li l-eżekutata taħti għan-nuqqas ta' għarfien tal-ħruġ innifsu tal-Kontro Mandat, għaliex jirriżulta li l-eżekutanti lanqas dehrilhom li kellhom jinnotifikawha bil-ħruġ tal-istess Kontro-Mandat;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll li l-eżekutanti jkunu kundannati jħallsuha penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat[3];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[4], iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[5]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[6];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata tistrieħ speċifikatament fuq raġuni partikolari msemmija fil-liġi, u jiġifieri (b) li l-eżekutanti naqsu milli jagħtu raġuni tajba għaliex ħarġu l-Mandat bla ma fi żmien ta' ħmistax-il jum

[3] Taħt l-art. 836(8)(b) tal-Kap 12
[4] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[5] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[6] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***

qabel dak il-ħruġ ma kenux talbu lill-eżekutata biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni dedotta fil-Mandat[7];

Illi, skond ma jissemma fir-rikors tal-eżekutata, l-eżekutanti kienu fil-fatt ressqu att ġudizzjarju kontra l-istess eżekutata fid-19 ta' April, 2012. Fl-imsemmija ittra uffiċjali, jissemma li kienu interpellawha tħallashom l-istess somma li huma semmew bħala l-kreditu indikat minnhom fil-Mandat ta' Sekwestru maħruġ fil-11 ta' Mejju. Jidher, iżda, li l-ilment tal-eżekutata huwa li bejn meta tressqet l-imsemmija ittra uffiċjali sa ma tressaq il-Mandat, għaddew aktar minn ħmistax-il (15) jum, u li fil-ħmistax-il (15) jum qabel ma nħareġ il-Mandat, l-istess eżekutanti ma kenux (reġgħu) talbu lill-eżekutata tħallas il-kreditu minnhom pretiż;

Illi għal din it-talba l-eżekutanti ma ressqu l-ebda sottomissjoni;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[8], u biżżejjed tkun waħda verbali[9]. Biex ma jseħħx l-effett tal-kundanna tal-penali taħt l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12, min ikun ħareġ Mandat irid juri (i) li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, jew (ii) li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma nħareġ kien talab lill-parti li kontriha nħareġ dak l-att biex tħallas jew tagħti garanzija, jew (iii) li kien hemm raġuni ta' urġenza għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li jkun[10]. Jibqa' dejjem fl-għażla tal-Qorti jekk, minkejja li l-eżekutant jonqos li jissoddisfa l-ħtiġiet hawn fuq imsemmija, tikkundannax lill-istess eżekutant għall-ħlas tal-penali xorta waħda: dan jingħad għaliex kliem l-artikolu 836(8) innifsu huwa msawwar fuq il-kelma "tista'", liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni[11];

---

[7] Art. 836(8)(b) tal-Kap 12

[8] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

[9] P.A. TM **18.9.2002** fl-atti ta-Rikors fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

[10] Ara P.A. GCD **26.10.1999** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Office Technology Ltd vs J.M. Supplies Co. Ltd.***

[11] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***; u P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd vs Dr Lillian Calleja Cremona***

Illi l-Qorti ssib li għalkemm huwa minnu li l-eżekutanti naqsu milli jressqu l-Mandat fi żmien ħmistax-il jum minn dak inhar li ressqu l-ittra uffiċjali bl-interpellanza tagħhom, ma jidhirx li t-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-penali hija mistħoqqa f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dan jingħad għaliex l-ittra uffiċjali kienet tagħti lill-istess eżekutata żmien biex tħallas is-somma pretiża fl-istess att mill-eżekutanti u kien biss wara li għalaq dan iż-żmien (magħdud miegħu ż-żmien li ttieħed sakemm saret in-notifika tal-istess att ġudizzjarju lill-intimata)[12] li l-eżekutanti mexxew bil-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti Charmaine Farruġia billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** ladarba l-Mandat tħassar bil-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv sa minn qabel ma tressaq ir-rikors tal-lum; u

**Tiċħad it-tieni talba** għall-ħlas tal-penali billi ma jikkonkorrux l-elementi li titlob il-liġi biex talba bħal dik tintlaqa';

L-**ispejjeż** ta' din il-proċedura, fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, it-2 ta' Awissu, 2012.

**< Sentenza Finali >**

[12] In-notifika tal-imsemmi att saret fis-27 ta' April, 2012.

---------------------------------TMIEM---------------------------------